SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ħames laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2015 fis-2.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Is-Sur Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Is-Sur Anthony Formosa |
| ***Kunsilliera:*** | Is-Sur Franco Buhagiar |
| | Is-Sinjorina Carmela Grima |
| | Is-Sur Joseph Michael Cauchi |

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Reneè Formosa kienet skużata.

## 1.0 Talba

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa

2.1 Il-Minuti tat-raba' laqgħa tal-Kunsill ittieħdu bħala li nqraw peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail*. Il-minuti ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.2 (2.2) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li reġa' ġie nnotat li l-*open skip* mhux qed joqgħod sal-ħin. Ġie deċiż bejn il-membri preżenti li niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur permezz ta' ittra.

2.3 (2.5) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li dwar ir-rotot tal-karozzi tal-linja qed jiġi nnotat kif qed ikunu l-ħinijiet tar-rotot biex imbagħad ikun jista' jiġi deċiż x'tibdil għall-aħjar jista' jkun hemm.

2.4 (2.6) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa għarraf lill-Kunsill li fil-futur qarib għandhom jeħlu l-*poles* għad-dawl taż-*zebra crossing* fil-pjazza. Is-Sur Noel Formosa qal ukoll li bħalissa l-funtana li hemm fil-pjazza mhix taħdem. Huwa nnota li l-mutur ta' din il-funtana nħaraq u għalhekk għandna naraw x'hemm bżonn isir sabiex din il-funtana tkun tista' titħaddem anke' għax hemm xi tiġijiet u tajjeb li din tkun mixgħula peress li fil-passat meta kien hemm tieġ dejjem inxtegħlet u hekk ikun hemm l-istess trattament għal kulħadd. Is-Sur Formosa għarraf lill-membri

preżenti li l-*studs* taż-*zebra crossing* se jeħlu sabiex wara l-Perit ikun jista' japplika għal *compliance* biex hekk issir l-applikazzjoni għall-*metre* tad-dawl.

Rigward l-estensjoni tal-proġetti tal-pjazza u tal-isqaqin, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li ma kienx possibbli li l-applikazzjoni tiġi estiża għal diversi raġunijiet. Għamara tat-toroq ma stajniex nixtru aktar peress li l-offerta li kienet ħarġet, kienet ħarġet għal numru speċifikat u ż-żmien li fadal ma jippermettix li toħroġ offerta oħra. Dwar l-istatwi, is-Sindku tkellem mal-artist u qallu li mhux possibbli li jkunu lesti saż-żmien stipulat. Għalhekk issa dawn il-proġetti se jiġu finalizzati b'dak kollu li sar s'issa.

2.5 (2.10) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa għarraf lill-Kunsill li biex jitlesta x-xogħol fl-għalqa ta' Maria Cauchi fadal biss li tinħarat u jinbena l-ħajt.

2.6 (2.12) Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, l-aħjar li għalissa dwar il-proġett tar-restawr tal-imfieker li għandna fir-raħal, nagħmlu l-minimu li nistgħu. Huwa qal li ħaddiema taħt l-iskema li ħareġ il-Ministeru għal Għawdex ġew tnejn mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Ġiet is-Sinjura Josephine Formosa li se tkun tieħu ħsieb, it-tindif tal-uffiċċju, tal-librerija u taċ-*Child Care Centre.* Ġie wkoll is-Sur Mark Fiteni li bħalissa qed jieħu ħsieb li jirranġa l-kaxxa tal-*generator* fil-pjazza tad-Dwejra. Wara se jnaddaf Wied il-Wileġ mill-busbież li fih. Imbagħad meta jlesti dan ix-xogħol, jibda jnaddaf u jirranġa wieħed mill-monumenti li ssemmew fil-laqgħat preċedenti biex hekk dawn jiġu rranġati bl-inqas spejjeż possibbli.

Intqal li kieku jkun sew li jkollna żewġ ħaddiema oħra ħalli hekk ikun jista' jsir aktar xogħol ta' manutenzjoni. Is-Sindku ser jieħu ħsieb li jikkuntattja s-Segretarjat tal-Ministeru sabiex naraw jekk hux possibbli li jiġu aktar ħaddiema mal-Kunsill ta' San Lawrenz.

2.7 (2.14) Dwar il-manutenzjoni tal-*playing field* u l-*belvedere* Colle Umberto, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-Onorevoli Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, qed jgħinna sabiex dan ix-xogħol isir minn naħa tad-Dipartiment tal-

2.8 (3.2) Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima qalet li hi u l-ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa attendew għal-laqgħa li kien hemm tal-MEUSAC dwar il-programm Erasmus. Il-laqgħa kienet titratta dwar *youth exchanges* li se jkun hemm u li għalihom nistgħu napplikaw sa Ottubru. Wara diskussjoni ġie deċiż li peress li bħalissa għaddejjin bil-preparamenti għall-10 anniversarju tal-ġemellaġġ, ma nieħdux sehem f'dawn l-*exchanges*. Intqal li fil-futur ikun hemm okkażjonijiet oħra simili.

2.9 (3.4) Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li għandu xi kuntatti u għamel appuntament biex hu u s-Sindku fil-ġimgħat li ġejjin imorru jiltaqgħu magħhom sabiex *tour operators* jibdew żjara fiċ-Ċentru ta' informazzjoni tad-Dwejra fil-programm tagħhom tad-*Day Tours* f'Għawdex.

2.10 (3.6) Dwar il-problema tal-iskart li hemm fit-Triq it-Torri, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa tenna li l-*hangers* mhux ser isolvu l-problema. Kien hemm qbil dwar dan. Huwa qal li n-nies għandha tkun prudenti u toħroġ l-iskart fil-ħin stipulat. Għalhekk huwa ssuġġerixxa li b'xi mod għandu jsir tip ta' *enforcement*. Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li l-ewwel tintbagħat ittra f'kull dar b'informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart, imbagħad jekk jibqgħu l-problemi tittieħed azzjoni anke' permezz ta' infurzar mill-Pulizija.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa għarraf lill-Kunsill li l-avviżi tal-iskart lesti u se jitqassmu lil dawk kollha li għandhom xi post għall-kiri biex iwaħħluhom fil-*premises* tagħhom li jikru lit-turisti u lill-Maltin.

2.11 (6.1) Rigward is-servizz tal-Bulky Refuse, mill-1 ta' Awwissu se jibda jieħu ħsieb jiġbru l-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi u għalissa jiddisponi minnu billi jitfgħu fl-*skip* li jinkera kull nhar ta' Sibt.

2.12 (11.8) Rigward il-ħarġa li saret għall-anzjani, il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima qalet li marru tajjeb ħafna. Il-ftit nuqqas li kien hemm hi li tar-*restaurant* dam ftit ma fetaħ u qagħdu jistennew. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar issuġġerixxa biex f'waħda minn dawn il-ħarġiet tal-anzjani tiġi nkluża żjara lil David's Bakery sabiex l-anzjani jaraw il-produzzjoni ta' diversi prodotti magħmulin f'dan il-forn, fosthom il-ħobż.

2.13 (11.10) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa semma l-attivita' li ġiet organizzata flimkien mal-Kappillan lir-residenti barranin li joqgħodu f'San Lawrenz. Huwa qal li din marret tajjeb ħafna u l-preżenza tal-membri tal-Kunsill ġiet apprezzata ħafna.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 *E-mail* mingħand is-Sur Silvio Frendo fejn għarrafna li qabel ma nagħmlu ftehim dwar l-iskart separat għandna nitkellmu maż-żewġ kumpaniji li joffru dawn l-iskemi.

3.2 Stima mingħand il-Kumpanija Portelli & Brincat sabiex il-purtieri tal-uffiċċju jinbidlu u jsiru *blinds*. L-istima tammonta għal €500. Tlabna *samples* tal-materjal.

3.3 Ittra mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi b'informazzjoni dwar kompetizzjonijiet li qed iniedu. Se ngħaddu din l-informazzjoni lir-residenti permezz tal-Facebook tal-Kunsill.

3.4 Lista ta' applikazzjonijiet ġodda għal permess ta' żvilupp li rċevew il-MEPA.

3.5 Ittra mingħand is-Sur Laurie Zammit tal-Koperattiva Indafa Pubblika fejn għarrafna li huma bħala kumpanija mhux se jibqgħu jiġbru l-iskart separat minħabba kwistjonijiet pendenti li għandhom mal-kumpanija Green mt. Wara

din l-ittra intbagħtet *e-mail* minghand il-kumpanija Green mt fejn qalulna li s-servizz se jkompli normali.

3.6 *E-mail* mingħand is-Sur Godfrey Duca b'risposta wara li konna tlabna jekk jagħmilx *lapel badges.* Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel ftit *badges* għall-Kunsilliera qishom imnaqqxin fid-deheb u oħrajn bl-arma bil-kulur għal min jista' jitlobna speċjalment kollezzjonisti. Ser tinġab stima għal dawn il-*lapel badges.*

3.7 Kopja ta' *e-mails* mingħand is-Sur Michael Nolle li kien bagħat lill-Kunsill preċedenti dwar id-dawl li hemm fi sqaqin peress li dan it-tip ta' dawl jagħmel ħsara lill-ambjent. Intqal li dan ix-xogħol sar qabel dan il-Kunsill u ma tantx hemm wieħed x'jista' jagħmel għax biex jinbidel dan id-dawl se jinvolvi l-ispejjeż. Ġie deċiż li din il-materja terġa' tiġi diskussa fil-futur.

3.8 *E-mail* mingħand Yanika Maria Cassar mill-*Malta Communication Authority* fejn bagħtitilna r-riżultati tat-testijiet li saru dwar il-frekwenza ta' diversi *antennas* li hawn fir-raħal. Minn dawn it-testijiet jidher li l-*antennas* qegħdin jitħaddmu kif suppost mingħajr ma jeċċedu l-frekwenzi stabbiliti mil-liġi. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li n-nies ta' San Lawrenz apprezzaw ħafna li l-Kunsill ħa interess fuq il-ħsara li jistgħu jagħmlu dawn l-antenni.

3.9 Ittra mingħand Maria Mallia mill-MEPA fejn infurmat lill-Kunsill li ser isiru żewġ *seminars* bit-tema Natura 2000 u f'wieħed minn dawn is-*seminars* se jiġu diskussi l-inħawi tad-Dwejra u tal-Qawra. Dan is-*seminar* ser isir nhar it-Tnejn 10 ta' Awissu, 2015. Għal dan is-*seminar* ser jattendu l-Kunsilliera Franco Buhagiar u Carmela Grima.

3.10 *E-mail* mingħand il-Paragon fejn għarrfuna li ser tiġi organizzata *Mobility week* bejn is-16 u t-22 ta' Settembru, 2015.

3.11 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Elaine Cynthia Lenzo fejn għarrfitna li l-Bank Ċentrali ta' Malta nieda kampanja bl-isem "Know Your Banknotes". Din hija kampanja biex kemm jista' jkun titnaqqas iċ-ċirkulazzjoni ta' flus foloz billi n-nies jiġu nfurmati kif wieħed jista' jgħaraf dawn il-flus foloz. Għalhekk jekk irridu, il-Kunsill jista' jorganizza sezzjoni fil-lokalita' li ddum madwar 45 minuta.

3.12 *E-mail* mingħand il-MEPA fejn infurmawna b'laqgħa ta' informazzjoni dwar ir-riforma tal-ambjent u l-ippjanar bit-tema 'Ambjent Aktar b'Saħħtu'.

## 4.0 Monument Ġemellaġġ

4.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, issuġġerixxa li jsir monument li jfakkar l-10 anniversarju tal-ġemellaġġ ma' Colle Umberto. Wara diskussjoni mill-membri preżenti, ġie deċiż li dan il-monument ma jsirx kemm minħabba l-ispejjeż kif ukoll peress li ma fadalx żmien wisq biex jilħaq isir dan il-monument.

SAN LAWRENZ

## 5.0 *Mobile Toilets* għall-ġranet ta' matul il-festa

5.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li fejn is-soltu jsiru l-*mobile toilets* fil-festa, issa nbena u mhux possibli li jsiru fl-istess post. Għalhekk ġie deċiż li dawn isiru f'parti oħra fejn ma jdejqu lil ħadd. Se jsiru mill-1 ta' Awwissu. Se jsiru wkoll tabelli fejn jindikaw li hemm it-*toilets* u anke' *floodlight* fuqhom.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-indafa fil-festa. Ġie ssuġġerit u l-Kunsill qabel, li biex jikinsu t-toroq wara l-attivitajiet se nikkuntattjaw lil St. Laurence Spurs F.C. sabiex jagħmlu x-xogħol huma bħas-soltu. Ser jibdew mit-Tnejn ta' qabel il-festa sal-għada tal-festa. Ser isiru wkoll xi *dust bins* fil-pjazza biex kemm jista'jkun nevitaw li n-nies jitfgħu l-iskart mal-art. *Dust bins* se jitnaddfu dawk li għandu diġa' l-Kunsill u jitpoġġew huma.

## 6.0 Tarmak fi Triq Wied Merill

6.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-aħħar parti ta' Triq Wied Merill għadha ma ngħatatx it-tarmak. Intqal li bħalissa żgur li m'hemmx flus biex isir it-tarmak. Għalhekk ġie deċiż li għalissa ngħmlu ftit *patching* fejn hemm bżonn. Ġie ssuġġerit ukoll li jsir *patching* fi Triq il-Wileġ. Ser ngħaddu dan ix-xogħol lid-Direttur, is-Sur Mark Formosa sabiex isir bil-ħaddiema tal-*public works.* Triq il-Wileġ, fl-aħħar parti tagħha, il-Kunsill għadu jrid jagħmel it-tieni kisja tagħha bit-tarmak. Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja, il-Kunsill għadu jrid jara meta dan ix-xogħol jista' jsir.

## 7.0 Attivita' għall-anzjani fi żmien il-festa

7.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li s-soltu fi żmien il-festa, il-Kunsill jorganizza ikla għall-anzjani. Intqal li peress li diġa' hemm attivita' organizzata mill-parroċċa u anke peress li l-Kunsill qed jieħu ħsieb l-attivitajiet konnessi mal-anniversarju tal-ġemellaġġ, tajjeb li għal din is-sena din l-attivita' titħalla għal wara l-festa ta' Santa Marija. Ġie ssuġġerit li ssir ikla u jieħdu ħsieb li jsajjru l-grupp tal-Folk. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suġġerimenti.

## 8.0 Materji Oħra

8.1 Inqraw il-minuti li s-Sindku, flimkien mal-Kunsilliera s-Sinjorina Carmela Grima u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-Ministru għal Għawdex. Punt li tqajjem minn dan il-minuti kien dwar il-*crash barriers* fit-Triq tad-Dwejra. Intqal li hemm bżonn f'żewġ postijiet *crash barriers.* Hemm bżonn fuq l-arkata, kif ukoll taħt ir-riħ tal-barriera tal-bies. Pero' l-ewwel priorita' huma dawk ta' fuq l-arkata.

8.2 Inqara l-kuntratt li kien sar mas-Sur Joe Sultana dwar it-twaħħil tal-*floodlights* mal-faċċata tar-residenza tiegħu li għandu fil-pjazza. Dan inqara għall-informazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

8.3 Inqara ftehim ieħor li sar mas-Sur John Mifsud dwar it-twaħħil ta' *security camera* mar-residenza tiegħu biex tissorvelja l-*underground Bring-in-Sites.* F'dan il-kuntratt hemm li l-Kunsill għandu jħallas €75 ta' kull sena fl-aħħar ta' Marzu. Għalhekk dawn ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss biex ikunu jistgħu jitħallsu.

8.4 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li reġa' kien hemm xi lmenti peress li ilma li kien joħroġ minn katusa fit-Triq tad-Dwejra, reġa' beda ħiereġ. Kien hemm żmien meta dan l-ilma kien waqaf. Is-Sindku qal li ħa xi ritratti u ġabha fuq Facebook. Donnu l-messaġġ wasal għax l-ilma b'xi mod twaqqaf milli jibqa' ħiereġ. Għalkemm indirettament ittieħdet azzjoni, din it-triq taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

8.5 Ġie nnotat li tabella li hemm fi Triq il-Wileġ bil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart inkissret. Ġie deċiż li din it-tabella għandha tinbidel ma' waħda ġdida.

8.6 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex ma rappreżentanti mill-MEPA u mill-istess Ministeru dwar il-pjazza tad-Dwejra. Minn naħa tal-MEPA qegħdin jissuġġerixxu li l-pjazza tiġi rranġata fuq dak li hemm eżistenti. Pero' rigward dan ser issir laqgħa oħra, aktar fid-dettal għall-aħħar ta' Settembru sabiex sadanittant jinġiebu l-*files* b'applikazzjonijiet u suġġerimenti li saru qabel.

8.7 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ressaq il-protokoll li se jiġi ffirmat waqt iċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-protokoll kif ġie propost.

8.8 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kien hemm xi kwistjoni fuq ir-rigali tal-kompetizzjonijiet tal-Karnival li saru mill-Kunsill preċedenti. Milli jidher kien hemm xi *misunderstanding* fuq il-premijiet. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u ġie deċiż li dawn il-premijiet li jammontaw għal €75 jingħataw biex il-kwistjoni tieqaf hemm u ma tkomplix titwal.

Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar irtira mil-laqgħa fl-4.30 pm minħabba raġunijiet personali.

SAN LAWRENZ

## 9.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

9.1 L-Aġent Segretatju Eżekuttiv qrat il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill approva unaniment dawn il-pagamenti.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fil-5.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2015 fis-2.30 p.m.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***